## L-importanza li nqattgħu l-ħin flimkien

Ħinijiet mingħajr mezzi tal-midja flimkien mal-ġenituri għandhom ikunu ppjanati. Tissottovalutawx il-qawwa tat-tagħlim meta taqraw ktieb ma' wliedkom jew tqattgħu l-ħin 'il barra mid-dar. Il-ġenituri għandhom ikunu mudelli għal uliedhom. Il-ġenituri għandhom isibu bilanċ, jitfu l-apparati diġitali u jqattgħu ħin ta' veru ma' wliedhom. Il-ħajja reali hi post importanti ħafna fejn it-tfal jiżviluppaw ħiliet konjittivi, soċjali u tal-lingwa.





## Segwina

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

https://www.facebook.com/NationalLiteracyAgency/

25982992

National Literacy Agency

UNIVERSITY OF MALTA
CENTRE FOR LITERACY

# il-Qari DIĠITALI

## Linji gwida għall-Ġenituri



National Literacy Agency

UNIVERSITY OF MALTA
CENTRE FOR LITERACY

In-numru ta' tfal li jużaw l-ismartphones u t-tablets qiegħed jiżdied. Kemm jekk tagħżlu smartphone jew inkella tablet, hemm ħafna kontenut li huwa dħuli għat-tfal x'wieħed jikkonsidra. It-tablets għandhom ħafna vantaġġi għat-tfal, b'vidjows u apps li jżommuhom okkupati u logħbiet edukattivi li jgħinuhom fit-tagħlim. Jeżistu ħafna apps tal-istejjer fis-suq. Huwa importanti li wieħed ikun jaf il-karatteristiċi li jagħmlu app tal-istejjer tajba, kif it-tfal tagħkom jistgħu jieħdu kemm jistgħu minnha u liema fatturi ta' sigurtà għandhom jiġu kkunsidrati.

## Kif tagħżel app tal-istejjer:

- Agħżlu biss apps tal-istejjer li huma addattati għall-età tat-tfal iżda żommu f'moħħkom l-abbiltajiet u l-interessi tat-tfal tagħkom
- Agħżlu apps tal-istejjer ta' kwalità għolja, li għandhom reputazzjoni tajba ħafna mal-edukaturi u l-ġenituri, kemm fejn jidħol l-aspett grafiku kif ukoll dak letterarju
- Il-karatteristiċi ewlenin tal-app għandhom jikkumplimentaw in-narrattiva u jgħinu fil-fehim tal-istorja. Dan jippermetti lit-tfal jiffukaw fuq l-istorja u ma jaljenawx ruħhom minn ħsejjes qawwijin u stampi jiċċaqalqu li mhumiex relatati

## Il-Qari Diġitali

- Aċċessaw apps tal-istejjer mat-tfal tagħkom, billi taqraw ftit kull wieħed u tesperjenzaw l-istorja flimkien
- Tkellmu mat-tfal tagħkom dwar l-istorja u staqsu mistoqsijiet relevanti, u semmu aspetti differenti tal-kontenut
- Għinuhom jifhmu dak li qed jaraw fuq l-iskrin u japplikawh fid-dinja ta' madwarhom
- Il-qari flimkien jista' jgħin biex itejjeb il-ħiliet tal-fehim tat-tfal

*"Il-ġenituri għandhom ikunu involuti fl-esperjenzi ta' wliedhom mal-apparti diġitali, speċjalment f'età bikrija."*



## Elementi ta' sigurtà

- Espożizzjoni eċċessiva għall-iskrins tista' tikkawża li t-tfal isiru inqas attivi u ma jiħdux sehem f'attivitajiet fiżiċi u soċjali, ma jorqdux biżżejjed, jew imġibiet oħra essenzjali għas-saħħa
- Żommu l-iskrins tal-midja f'postijiet fejn tinġabar il-familja ħalli l-użu tal-midja jkun jista' jiġi mmoniterjat
- Fasslu postijiet fid-dar li fihom ma jkunx hemm apparati tal-midja – televixins għandhom jitħallew barra mill-kmamar tas-sodda
- Oqogħdu mat-tfal tagħkom, uruhom kif jaħdmu l-affarijiet, u weġbulhom il-mistoqsijiet dwar l-apparati diġitali

*"It-tablets mhumiex ġugarelli. Bħala ġenituri impenjati tistgħu tkunu mħajrin tħallu lit-tfal waħedhom bit-tablet. Din tista' tikkawża problemi għal tul ta' żmien. It-tfal għandhom bżonn jissoċjalizzaw, jiġru u jinvolvu ruħhom f'logħob attiv."*

## L-użu tal-internet

- Tkellmu mat-tfal tagħkom dwar is-sigurtà onlajn – is-cyberbullying, il-privatezza u l-kontenut għall-adulti huma biss ftit mis-sitwazzjonijiet li se jaffaċċjaw.
- Jekk it-tfal tagħkom qed jużaw l-internet, tistgħu tiċċekkjaw x'inhuma jagħmlu billi tiċċekkjaw l-browser history

## Illimitaw il-ħin f'kuntatt mal-apparat diġitali

L-Assoċjazzjoni Pedjatrika Amerikana tirrakkomanda li:

- Tfal iżgħar minn 18-il xahar għandhom jevitaw l-użu ta' midja bl-iskrin għajr il-video-chatting.
- Tfal taħt is-sentejn jitgħallmu l-aktar minn interazzjonijiet u esperjenzi mid-dinja reali, u kull minuta li jqattgħu quddiem apparat li jinqeda bi skrin tkun minuta li fiha t-tfal tiegħek ma jkunux qed jesploraw id-dinja u jużaw is-sensi tagħhom. Dan huwa importanti ħafna fil-proċess tal-iżvilupp tagħhom.
- Il-ġenituri ta' tfal bejn sena u nofs u sentejn li jixtiequ jintroduċu midja diġitali għandhom jagħżlu programmar ta' kwalità għolja, u jarawh ma' wliedhom biex jgħinuhom jifhmu dak li qed jaraw.
- Għal tfal bejn sentejn u ħames snin, l-użu tal-iskrin għandu jkun ta' siegħa kuljum ta' programmi ta' kwalità għolja. It-tfal tagħkom jistgħu jkunu lesti llum jew għada, jiddependi mill-ħiliet tagħhom u l-livell ta' superviżjoni meħtieġa.
- Għal tfal tal-età tal-iskola, smartphone jew tablet jista' jagħtihom opportunità ta' tagħlim addizzjonali, lil hinn mill-klassi tradizzjonali jew il-ktieb. L-ismartphones u t-tablets jipprovdu lill-istudenti b'diversi opportunitajiet biex jaċċessaw kontenut li jinvolvihom mal-kurrikulu. Dawn l-apparati jlaqqgħu lill-istudenti mad-dinja 'l barra mill-erba' ħitan tal-klassi u jagħtuhom aċċess għall-esperti tad-dinja reali u jsolvu problemi tad-dinja reali fil-pront. It-teknoloġija tagħmel it-tagħlim tagħhom relevanti.